

Brussell, 29 ta' April 2026  
(OR. en)

8713/26

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0100 (NLE)**

---

---

**RESUA 7  
FIN 606  
ECOFIN 542  
ELARG 58  
COEST 321  
DEVGEN 71  
UA PLATFORM 7**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 185 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament parzjali skont is-seba' pagament parzjali tal-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 185 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 185 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.4.2026  
COM(2026) 185 final

2026/0100 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabilixxi l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament parzjali skont is-seba' pagament parzjali tal-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447**

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabilixxi l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament parzjali skont is-seba' pagament parzjali tal-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jstabilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Pilastru I tal-Faċilità għall-Ukrajna ("il-Faċilità") iquiegħed għad-dispożizzjoni appoġġ finanzjarju sa EUR 38 338 555 759 u SEK 2 000 000 000<sup>2</sup> għall-Ukrajna għall-perjodu 2024-2027 fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli u ta' self. Il-finanzjament taħt il-Pilastru I huwa allokat prinċipalment abbażi tal-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna ("il-Pjan"). Il-Pjan jistabilixxi l-aġenda ta' riforma u investiment għall-Ukrajna u l-passi kwalitattivi u kwantitattivi li huma marbutin mal-finanzjament taħt il-Pilastru I tal-Faċilità.
- (2) Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2024/792, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447<sup>3</sup>. L-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Pjan, inklużi l-passi kwalitattivi u kwantitattivi li huma marbuta mal-finanzjament taħt il-Pilastru I tal-Faċilità, hija stabbilita fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.
- (3) Is-somma totali tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Pjan skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 tammonta għal EUR 32 338 555 759, li minnhom EUR 5 338 555 759 u SEK 2 000 000 000 huma fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u sa EUR 27 000 000 000 huma fil-forma ta' self.

<sup>1</sup> ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>.

<sup>2</sup> ĠU L, 2026/480, 23.2.2026, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec\\_impl/2026/480/oj](http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/480/oj). F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/480 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447, l-Iżvezja se ttipprovdi SEK 2 000 000 000 bħala kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għall-Pilastru I tal-Faċilità għall-Ukrajna fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli wara d-dħul fis-seħħ ta' ftehim ta' trasferiment bejn l-Iżvezja u l-Kummissjoni u t-trasferiment tal-kontribuzzjoni finanzjarja relatata.

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/1447, 24.5.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec\\_impl/2024/1447/oj](http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1447/oj)).

- (4) F'konformità mal-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (UE) 2024/792, ġew żborżati EUR 6 000 000 000 lill-Ukrajna bħala finanzjament tranżitorju eċċezzjonali u EUR 1 890 000 000 fil-forma ta' prefinanzjament li jirrappreżenta pagament antiċipat ta' 7 % tal-appoġġ fil-forma ta' self li l-Ukrajna hija eliġibbli li tirċievi skont il-Pjan.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2024/792, ġew żborżati EUR 18 874 654 180 lill-Ukrajna fl-ewwel sitt pagamenti parzjali skont il-Pjan, li minnhom EUR 3 601 252 880 ġew żborżati fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u EUR 15 273 401 300 fil-forma ta' self. F'konformità mal-Ftehim ta' Self konkluż bejn l-Unjoni u l-Ukrajna skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2024/792, ammont ta' EUR 1 149 610 850 mill-ewwel sitt pagamenti parzjali ntuża biex jiġi kklerjat il-prefinanzjament tas-self.
- (6) Il-metodoloġija għat-trattament tal-ilħuq parzjali ta' passi fil-Pjan għall-Ukrajna<sup>4</sup> ġiet adottata fl-24 ta' Marzu 2025 f'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) 2024/792. Wara sena ta' applikazzjoni, inkisbet biżżejjed esperjenza Prattika biex tiġġustifika rieżami ta' din il-metodoloġija. Barra minn hekk, il-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-intensifikazzjoni tal-attakki kontra l-infrastrutturi kritiċi ċivili u tal-enerġija Ukreni joħolqu tfixkil serju fil-ħidma leġiżlattiva tal-Verkhovna Rada u jkomplu jittfġu piż fuq il-kapaċitajiet amministrattivi tal-Ukrajna. F'konformità mal-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni fis-16 ta' April 2026<sup>5</sup>, il-valur tas-sospensjoni jista' jiġi aġġustat biex iqis il-fatturi ta' mitigazzjoni. L-applikazzjoni tal-fatturi ta' mitigazzjoni u d-determinazzjoni finali tal-valur ta' sospensjoni aġġustat jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Kunsill, f'konformità mal-Artikoli 19, 20 u 26 tar-Regolament (UE) 2024/792.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2024/792, fl-14 ta' April 2026, l-Ukrajna ressqet talba debitament ġustifikata għall-pagament ta' parti mill-ħames, is-sitt u s-seba' pagamenti parzjali tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tal-appoġġ fil-forma ta' self, li tammonta għal EUR 2 949 367 660. It-talba kopriet ukoll erba' passi minn pagamenti parzjali sussegwenti. It-talba kienet akkumpanjata minn sensiela ta' dokumenti li juru l-ilħuq sodisfaċenti ta' pass wieħed fil-ħames pagament parzjali, żewġ passi fis-sitt pagament parzjali, ħdax-il pass fis-seba' pagament parzjali, żewġ passi fit-tmien pagament parzjali u żewġ passi fid-disa' pagament parzjali. Ressqet ukoll id-dokumenti kollha meħtieġa skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim Qafas, l-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Self konkluż bejn l-Unjoni u l-Ukrajna skont l-Artikoli 9, 10 u 22, rispettivament, tar-Regolament (UE) 2024/792.
- (8) Il-passi li jirfdu l-aħħar talba tal-Ukrajna huma relatati ma' diversi riformi stabbiliti fil-Pjan taħt il-kapitoli dwar il-ġestjoni finanzjarja pubblika, is-sistema ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, is-swieq finanzjarji, il-ġestjoni tal-assi pubbliċi, il-kapital uman, l-ambjent tan-negozju, is-settur tal-enerġija, it-trasport, is-settur agroalimentari, il-ġestjoni tal-materja prima kritika, it-trasformazzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika u l-protezzjoni ambjentali. L-istrateġija tal-ġestjoni tad-dejn tal-istat fuq terminu medju, l-emendi għal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-kontroll finanzjarju tal-istat, l-istrateġija dwar l-impjiegi tal-popolazzjoni, il-programm ekonomiku mmirat tal-istat għall-modernizzazzjoni tal-enerġija tal-intrapriżi li jiġġeneraw is-sħana għall-perjodu sal-2030 u r-risoluzzjoni dwar il-Kunsill Xjentifiku u Espert dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Preservazzjoni tas-Saff tal-Ożonu ġew adottati.

<sup>4</sup> [ĠU C, C/2025/2114, 3.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2114/oj.](http://data.europa.eu/eli/C/2025/2114/oj)

<sup>5</sup> [ĠU C, C/2026/2328, 17.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/2328/oj.](http://data.europa.eu/eli/C/2026/2328/oj)

Mill-inqas 20 % tal-pożizzjonijiet vakanti ġudizzjarji mtlew, 20 % tal-każijiet dixxiplinari antiki mhux ikkunsidrati sa tmiem l-2023 ġew solvuti, u l-evalwazzjoni tal-kwalifiki (skrutinju) fir-rigward ta' 50 % tal-imħallfin li kienu għad iridu jgħaddu minnha mit-30 ta' Settembru 2016 tlestiet. Il-liġi dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti relatati mal-obbligi monetarji u mhux monetarji u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-proċedimenti ta' infurzar, il-liġi dwar it-titjib tar-regolamentazzjoni tal-istat għas-swieq kapitali u s-swieq tal-komoditajiet organizzati, il-leġiżlazzjoni dwar il-prinċipji bażiċi tal-politika tal-akkomodazzjoni, il-leġiżlazzjoni f'konformità mal-pjan ta' azzjoni dwar id-deregolamentazzjoni f'setturi speċifiċi, il-liġi dwar it-traspożizzjoni tal-pakkett dwar l-integrazzjoni tal-elettriku u l-att legali dwar il-funzjonament tas-Sistema Integrata ta' Identifikazzjoni Elettronika daħlu fis-seħħ. Sistema ta' ġbir ta' data dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti saret operazzjonali. Il-valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistema bankarja, ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ mill-Istat permezz tar-Reġistru Agrikolu tal-Istat u studju dwar il-leġiżlazzjoni dwar ir-rapportar ESG ġew ippubblikati.

- (9) F'konformità mal-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2024/792, il-Kummissjoni vvalutat it-talba tal-Ukrajna fid-dettall u għamlet valutazzjoni pożittiva tal-ilħuq sodisfaċenti ta' wieħed miż-żewġ passi pendenti meħtieġa għall-ħames pagament parzjali, għaż-żewġ passi pendenti meħtieġa għas-sitt pagament parzjali u ħdax mill-għoxrin pass meħtieġa għas-seba' pagament parzjali, kif stabbilit fid-dettall fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Din il-valutazzjoni pożittiva saret fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Pjan. Aktar allinjament mal-*acquis* tal-Unjoni se jiġi ffaċilitat permezz tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni pożittiva tal-ilħuq sodisfaċenti ta' żewġ passi fit-tmien pagament parzjali u żewġ passi fid-disa' pagament parzjali u inkludiet il-valutazzjoni tagħha ta' dawk il-passi fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Għalissa din il-valutazzjoni titwettaq biss bil-ħsieb tal-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-pagament parzjali u hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tat-tmien u d-disa' pagamenti parzjali rispettivament. Abbażi ta' din il-valutazzjoni u f'konformità mal-metodoloġija għat-trattament tal-ilħuq parzjali tal-passi fil-Pjan għall-Ukrajna<sup>6</sup>, il-Kummissjoni tipproponi li l-valur ta' sospensjoni relatat mal-passi mhux imwettqa taħt is-seba' pagament parzjali jiġi aġġustat 'l isfel, filwaqt li jiġi żgurat li jinżammu għaddejjin inċentivi biżżejjed għall-implimentazzjoni tal-passi mhux imwettqa.
- (10) Fit-talba għall-pagament tagħha, l-Ukrajna kkonfermat li ma reġġgħet l-ebda miżura relatata mal-passi li hija kienet laħqet preċedentement b'mod sodisfaċenti.
- (11) Il-Kummissjoni qieset ulterjorment li l-Ukrajna għadha tissodisfa l-prekundizzjoni għall-appoġġ tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2024/792. B'mod partikolari, l-Ukrajna tkompli żżomm u tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti, u l-istat tad-dritt, u tiggarrantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi li l-kundizzjonijiet rilevanti għall-pagament tal-ħames pagament parzjali fir-rigward ta' pass wieħed miż-żewġ passi

---

<sup>6</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li temenda l-metodoloġija għat-trattament tal-ilħuq parzjali tal-passi fil-Pjan għall-Ukrajna skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Ukrajna u li tissostitwixxi l-Komunikazzjoni C(2025) 1725 (ĠU C, 2026/2328, 17.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2328/oj>).

pendenti, tas-sitt pagament parzjali fir-rigward taż-żewġ passi pendenti kollha u tas-seba' pagament parzjali fir-rigward ta' ħdax mill-għoxrin pass skont il-Pjan intlaħqu b'mod sodisfaċenti.

- (13) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (14) Meta jitqiesu l-ħtiġijiet urġenti ta' finanzjament tal-Ukrajna, huwa ta' importanza kbira li l-fondi jiġu żborżati malajr kemm jista' jkun. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni u bil-ħsieb li jitħaffef il-proċess, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

#### **Stabbiliment tal-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament**

- (1) L-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet rilevanti għall-pagament parzjali tal-ħames, is-sitt u s-seba' pagamenti parzjali tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tal-appoġġ fil-forma ta' self li jammontaw għal EUR 2 949 367 660, qabel ma jiġi kklerjat il-prefinanzjament, li minnhom EUR 386 258 902 jikkorrispondu għall-ħames pagament parzjali, EUR 796 658 985 jikkorrispondu għas-sitt pagament parzjali u EUR 1 766 449 773 jikkorrispondu għas-seba' pagament parzjali, huwa stabbilit f'konformità mal-valutazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/792 u annessa ma' din id-Deċiżjoni.
- (2) L-applikazzjoni tal-fattur mitiganti hija stabbilita, filwaqt li titqies l-importanza tal-passi li ma ntlaħqux u tar-raġunijiet għala ma ntlaħqux, kif ukoll l-importanza tal-passi kwantitattivi u kwalitattivi li ntlaħqu kmieni. L-applikazzjoni tal-fattur mitiganti għandha twassal għal tnaqqis tal-valur tas-sospensjoni li jikkorrispondi għall-passi li ma ntlaħqux skont is-seba' pagament parzjali bl-ammont ta' EUR 392 544 392.

### *Artikolu 2*

#### **Emendi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“6. Fejn l-Ukrajna ma tkunx laħqet b'mod sodisfaċenti pass kwalitattiv u kwantitattiv wieħed jew aktar dovuti taħt pagament parzjali partikolari, kif identifikat fl-Anness, iżda tkun diġà laħqet b'mod sodisfaċenti pass kwalitattiv u kwantitattiv wieħed jew aktar dovuti taħt pagament parzjali sussegwenti jew tkun tista' turi li pass kwantitattiv ikun intlaħaq parzjalment, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jqis tali lħuq bikri jew parzjali bħala fattur fid-determinazzjoni tal-ammont tal-pagament parzjali lill-Ukrajna taħt l-ewwel wieħed minn daww il-pagamenti parzjali. Għandhom jitqiesu l-importanza tal-passi kwalitattivi u kwantitattivi li ma ntlaħqux u r-raġunijiet għala ma ntlaħqux, kif ukoll l-importanza tal-passi kwantitattivi u kwalitattivi li ntlaħqu kmieni.”;

(2) fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“5. Fejn l-Ukrajna ma tkunx laħqet b’mod sodisfaċenti pass kwalitattiv u kwantitattiv wieħed jew aktar dovuti taħt pagament parzjali partikolari, kif identifikat fl-Anness, iżda tkun diġà laħqet b’mod sodisfaċenti pass kwalitattiv u kwantitattiv wieħed jew aktar dovuti taħt pagament parzjali sussegwenti jew tkun tista’ turi li pass kwantitattiv ikun intlaħaq parzjalment, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista’ jqis tali lħuq bikri jew parzjali bħala fattur fid-determinazzjoni tal-ammont tal-pagament parzjali lill-Ukrajna taħt l-ewwel wieħed minn daww il-pagamenti parzjali. Għandhom jitqiesu l-importanza tal-passi kwalitattivi u kwantitattivi li ma ntlaħqux u r-raġunijiet għala ma ntlaħqux, kif ukoll l-importanza tal-passi kwantitattivi u kwalitattivi li ntlaħqu kmieni.”

### *Artikolu 3*

#### **Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*